**Wara l-quddiesa**

Tqaddset il-quddiesa
B'ħafna ġabra u sliem,
Għall-Papa Franġisku
Li qed jistrieħ bla tmiem.

Wara ħajja għaddej
Ixandar lil Ġesù,
Bi kliemtu w imġiebtu
Imżejna bil-virtù.

Ħa niftakru ħuti
Li ġejna magħżula,
Frott il-ħniena t'Alla
Faraġ għal mifxula.

Viċinanza, ħlewwa
W l-kbira kompassjoni,
Meħtieġa fil-ħajja
Għalina lezzjoni.

Int Papa Franġisku
Fakkartna fil-ħniena,
Hekk għanja ta' Alla
Li tfejjaq l-għajjiena.

Ħajtek immarkata
B'dik imħabbtek għan-nies,
Wissina biex bħalek
Naraw lil Kristu b'qjies.

Ta' mħabbtu imlewna
Li tgħannaq u tifdi,
Itfa' fuq dan fommna
Tbissima li tiddi.

Għallimna intennu
B'sempliċità tat-tfal,
Inħobbu u naqdu
Biex qatt mal-piż jitqal.

Ta' ruħ hekk imwaħħla
Fil-għira u l-pika,
Imma ħielsa biex tħobb
F'kull sikta u taħrika.

Tant punti għaddewli
Safjin, bla mittiefsa,

Wisq għandi fuq x'naħdem
Wara dil-quddiesa.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.